KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

7/5

**Il-Ħames (5) laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju, 2015 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Edwin Vassallo | - | Sindku |
| | Is-Sur Ivan Bartolo | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Alexander Muscat | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Keith Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur James Cassar | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Gianluca Busuttil | - | Kunsillier |
| | Dott Angele Rapa | - | Kunsillier |
| | Is-Sa Maria Pia Bonnici | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Mark Micallef | - | Kunsilier |
| Is-Sur Mario Sammut | - | Kunsillier |
| Is-Sur Karl John Tanti | - | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Gatt | - | Kunsillier |
| Dott. Rachel Tua | - | Kunsillier |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tar-Raba Laqgħa
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Ordnijiet tal-ġurnata
    - Rendikont Finanzjarju Jannar-Marzu 2015
    - Risposta tal-Management Letter
5. Korrispondenza/ Proposti ta' Ħidma
6. Approvazzjoni
    - Skeda ta' pagamenti
    - Purchase Orders
    - Works Orders
    - Petty Cash
7. Ilmenti
8. Proċess tal-Ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv
9. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-7.50 ta' filgħaxija.

## 1. Talba

Is-sindku qal it-talba.

2. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti r-raba (4) tal-Laqgħa li saret Tlieta 26 ta' Mejju 2015 ġew approvati b'mod unanimament.

3. **Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti**

Sindku qal li qiegħed jistenna mingħand is-Sur Frans Pace sabiex jagħtina d-data ta meta ser issir il-laqgħa għall-pubbliku mill-iżviluppaturi dwar is-shooting range.

Is-Sindku flimkien mal-membri tal-Kunsill irringrazzja lis-CEO ta' Transport Malta s-Sur James Piscopo wara ix-xoghol siewi li sar meta fi ftit granet Transport Malta għamlet tiswija meħtieġa fi Triq Difiża Ċivili u Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Il-Kunsillier Alexander Muscat tkellem fuq il-laqgħa li saret mal-Foundation of Tomorrow Schools is-Sur Anthony Muscat flimkien mas-Sindku attendew il-Gimgħa 5 ta' Ġunju 2015 fejn f'din il-laqgħa is-Sur Anthony Muscat kellu jiċċekkja ma Transport Malta fuq il-ftehim li kien sar fuq Triq Gorg Mitrovich.

4. **Ordinijiet tal-ġurnata**

**(a) Randikont finanzjarju Jan-Mar 2015**

L-accountant tal-Kunsill Is-Sur Daniel Galea spjega fid-dettal ir-rendikont finanzjarju bejn Jannar u Marzu 2015.

Il-Membri qablu unanimament mr-rendikont ipprezentat.

**(b) Management Letter**

L-accountant tal-Kunsill Is-Sur Daniel Galea spjega fid-dettal ir-rapport li l-awdituri għamlu għas-sena 2014.

Is-Segretarju u s-Sur Daniel Galea spjegaw lill-membri tal-kunsill ir-risposti li l-kunsill ser jibgħat bħala tweġibiet għar-rapport li għamlu l-awdituri fejn kien ukoll inġibdet l-attenzjoni fuq ir-rimarka li ghamlu l-awdituri li l-kunsill mhux f'pożżizjoni finanzjarja tajba li jagħmel proġetti kapitali

Il-Membri qablu unanimament kemm mar-rapport u mat-tweġibiet għar-rapport.

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

5a) **Proposti ta Ħidma**

1) **Fuq Proposta Nru 5 - Qasam Soċjali – Kull ħmistax ikun hemm green wardens pajżana.**

Is-Sindku ippropona illi din il-proposta tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

2) **Fuq Proposta Nru 9 – Tibdil fil-Permessi tal-Imwejjed tal-Ħwienet fil-Festa.**

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill sabiex diskissjoni fid-dettal issir fil-laqgħa li jmiss.

3) **Fuq Proposta Nru 4 –Qasam Soċjali – Aktar dawl fil-bandli tal-Blata l-Għolja**

Il-kunsill qabel unanimament li għandha tinħareġ Works Order.

4) **Fuq Proposta Nru 2 ev – Għal aktar sigurta fit-toroq tagħna – Ħidma tas-sorveljanza fuq siti ta kostruzzjoni biex ma jkunx hemm periklu.**

Is-Sindku qal li s-Sur Chris Camilleri jibda jagħmel sorveljanza flimkien ma Philip Azzopardi (handyman) .

5) **Fuq proposta nru 1 ev – Għal aktar sigurta fit-toroq tagħna – Xogħol ta patching mill-WSC**

Il-membri tal-Kunsill approvaw din il-proposta unanimament.

6) **Fuq proposta nru 4 – Biex isiru bżonnijiet fil-Bidnija – sinjali tat-toroq,tindif fil-bus shelter,tiswija ta patching fit-toroq, qtugħ tal-ħaxix**

Is-Sindku qal li s-Sur Chris Camilleri jibda jagħmel sorveljanza flimkien ma Philip Azzopardi (handyman) .

7) **Fuq Proposta Nru 3 – Qasam Soċjali – Laqgħa mal-familji persuni b'diżabilita Mostin.**

Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament fuq din il-proposta.

8) **Fuq Proposta – Festi Parteċipazzjoni**

**Sabiex tinkera Fire Engine fil-ġurnata tal-festa fis-sagra Familja Bidnija nhar il-Ħadd 19 ta' Lulju 2015.**

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

9) **Fuq Proposta 6 – Harġiet Kulturali /edukattivi u divertiment ieħor**

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

5b) **Korrispondenza Nru 1 –**

**Danni li saru fuq il-bandli ta Santa Margerita**

Il-Kunsill approva il-parir legali tal-avukat Mario Mifsud.

**Korrispondenza Nru 2-6**
**Quotes for 2 routers for boost of wifi signal**

Il-Kunsill approva il-kwotazzjoni l-aktar waħda viabli li hija tal-kumpanija 6PMPLC Ltd.

**Korrispondenza 7-10 – Kwotazzjonijiet għal bankijiet fi Pjazza Rotunda**

Il-Kunsill qabel illi isir ix-xiri tal-bankijiet gradwalment matul din s-sena.

6. **Approvazzjoni**

- **Skeda ta pagamenti**

  Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

- **Purchase Orders**

  Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

- **Works Orders**

  Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

- **Petty Cash**

  Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

7. **Ilmenti**

| **Nru** | **Rimarki** |
|---|---|
| **019** | **Azzjoni ttieħdet** |
| **020** | **Tintbagħat lil Transport Malta** |
| **021** | **Xogħol isir aktar il-quddiem** |
| **022** | **Xogħol isir aktar il-quddiem** |

KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

| | |
|---|---|
| 023 | **Tintbagħat lil Transport Malta** |
| 024 | **Ngħadduha lil handyman tal-Kunsill is-Sur Philip Azzopard** |
| 025 | **Xogħol isir aktar il-quddiem** |
| 026 | **Xogħol isir aktar il-quddiem** |
| 027 | **Xogħol isir aktar il-quddiem** |
| 028 | **Xogħol isir aktar il-quddiem** |
| 029 | **Xogħol isir aktar il-quddiem** |

## 8. Proċess għal-Ħatra Tas-Segretarju Eżekuttiv

Il-Proċess għal ħatra ikun diskuss aktar il-quddiem. Iżda Sindku reġgħa saħaq għal darba oħra fuq l-importanza u l-ħtiega li l-kunsill lokali tal-Mosta ikollu Segretarju Eżekuttiv full time .

## 9. Kommunikazzjoni mis-Sindku

1) Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas-sidien ta Ċentru ta Matul il-Jum fejn is-Sindku qiegħed jistenna risposta mingħand is-sidien fuq il-proposta li għamilhom il-Kunsill sabiex ikun terminat il-kuntratt. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

2) Is-Sindku ressaq ukoll talba biex Pjazza Rotunda tingħata isem Pjazza Rotunda Santwarju tal-Assunta, fuq talba li saret mis-Socjeta Filarmonika Nicolo Isouard . Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

3) Is-Sindku ressaq ukoll attivita – Fashion Show li ser ssir nhar 27 ta' Ġunju 2015. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

## 10. Aġġornament

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar Tlieta **30 ta'Ġunju 2015 fis-7.30 p.m.**

Laqgħa spiċċat fl-10.30 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 30/06/2015